# Issospendi l-istaġun tal-kaċċa issa

## BirdLife Malta diżgustata u diżappuntata bil-qtil ta' Ċikonji Suwed ilbieraħ. Tappella lill-Prim Ministru biex jissospendi l-istaġun fl-eqqel tal-passa biex ikun imħares it-tajr protett

Ilbieraħ kienet ġurnata kerha għall-ħidma li qed issir f'Malta favur il-konservazzjoni tal-għasafar hekk kif inqatlu żewġ Ċikonji Suwed. Uffiċjali ta' BirdLife Malta raw b'għajnejhom waħda miċ-Ċikonji (Black Stork) tittajjar midruba fuq il-Buskett b'dik li deher li kienet ferita bid-demm fuq sidirha. Eventwalment it-tajra mietet u kienet fil-kustodja tal-pulizija **(ara r-ritratti mehmużin).**

Iċ-Ċikonja Sewda oriġinarjament kienet waħda minn żewġ għasafar li sparaw fuqhom f'Għawdex. Waħda nqatlet u nġabret minn kaċċatur li BirdLife Malta għaddiet id-dettalji tiegħu lill-Pulizija. Iċ-ċikonja l-oħra, għalkemm kienet qed issofri minn ġrieħi kkawżati minn tiri ta' senter fin-naħa taż-żaqq u kellha ċ-ċomb fil-ġewnaħ tax-xellug, kompliet tpassi għal fuq Malta fejn ingħaqdet ma' tliet Ċikonji Bojod (White Storks) li kienu osservati jittajru fl-inħawi tal-ajruport imma eventwalment mietet u ġiet mgħoddija f'idejn il-Pulizija. Ċikonja Bajda oħra kienet osservata aktar kmieni f'Għawdex, apparentement ukoll b'xi feriti.

Tnejn miċ-Ċikonji Bojod għandhom ċurkett li juri li huma parti mill-iskema tar-*ringing* tal-Italja u li huma ġejjin minn Udine fil-Grigal tal-Italja. Hu interessanti li din hija t-tieni darba li għasafar minn dan il-proġett Taljan ta' konservazzjoni passew lejn Malta. Fis-16 ta' Settembru 2014 qatgħa ta' għaxar ċikonji mill-istess inħawi niżlet fil-Marsa u waħda minnhom inqatlet bil-konsegwenza li l-Gvern dakinhar għalaq l-istaġun tal-ħarifa.

Wara l-qtil illegali ta' għasafar protetti fl-aħħar ftit jiem fosthom Kwakk, Qerd in-Naħal, Tajra Safra u Kuċċarda li ġie rrappurtat li nqatlet dalgħodu **(ara l-kronoloġija ta' illegalitajiet fi tmiem din l-istqarrija),** dan l-aħħar każ taċ-Ċikonji Suwed huwa xhieda ċara li minkejja l-intenzjonijiet tajbin kollha li jista' jkollhom il-Gvern u t-taqsima tal-Administrative Law Enforcement (ALE) tal-Pulizija, il-kaċċa illegali f'Malta s'issa għadha mhix kontrollata. Filwaqt li wieħed

żgur li ma jistax jargumenta li s-sitwazzjoni f'Malta tjiebet, dawn il-każi tal-aħħar jiem jindikaw li l-2016 tista' tkun waħda mill-agħar fl-aħħar ftit snin.

**Fid-dawl ta' dan kollu, BirdLife Malta qed titlob lill-Gvern biex jissospendi l-istaġun tal-kaċċa fil-ħarifa sal-15 ta' Ottubru, biex jiżgura li tkun imħarsa l-passa ta' tajr protett bħalma huma l-għasafar tal-priża, il-kwakk u possibbilment aktar qtajja' ta' ċikonji li jistgħu jgħaddu minn fuq Malta. BirdLife Malta tfakkar lill-Gvern li l-liġijiet u l-multi qegħdin hemm biex jipproteġu lill-għasafar u jekk dawn ifallu, ikun mistenni li jittieħdu miżuri aktar drastiċi bħalma hija s-sospensjoni tal-istaġun. Dan ma jfissirx kastig kollettiv imma metodu kif jiġu mħarsa l-għasafar.**

BirdLife Malta tixtieq tirringrazzja lill-Korp tal-Pulizija għall-kollaborazzjoni kontinwa imma wkoll lill-pubbliku inġenerali għall-informazzjoni li jgħaddilna kontinwament. Ineġġu biex dan ikompli jsir. Huwa ċar li l-ġlieda għall-ħarsien tal-għasafar f'Malta għad fadlilha u dawk li jixtiequ jappoġġjaw il-ħidma ta' BirdLife Malta jistgħu jsiru wkoll membri. Dan jista' jsir billi wieħed iżur is-sit elettroniku http://birdlifemalta.org/become-member.

## Kronoloġija ta' illegalitajiet mill-ftuħ tal-istaġun tal-kaċċa fil-ħarifa 2016

- 6 ta' Settembru, Valletta: Gawwija Prima (Yellow-legged Gull) *Larus cachinnans* titraqqad wara li nġabret bi tliet ċombiet fil-ġewnaħ tal-lemin, f'sieq minnhom u f'għonqha
- 10 ta' Settembru, Wied ir-Rum, limiti ta' Ħad-Dingli: mill-inqas tliet Kwakkiet (Night Herons) *Nycticorax nycticorax* osservati qed jiġu mnižżla b'tiri wara li qatgħa Kwakk sfat fil-mira ta' kaċċaturi
- 10 ta' Settembru, Tal-Virtù, Rabat: Żewġ Qerd in-Naħal (Bee-eater) *Merops apiaster* rappurtati li ntlaqtu fl-inħawi
- 10 ta' Settembru, il-Manikata: Tajra Safra (Golden Oriole) *Oriolus oriolus* kellha titraqqad wara li sparaw fuqha
- 12 ta' Settembru, Għawdex u Malta: żewġ Ċikonji Suwed (Black Stork) *Ciconia nigra* jinqatlu
- 13 ta' Settembru, Ħal Far: rapporti li nqatlet Kuċċarda (Honey Buzzard) *Pernis apivorus* qed jiġu investigati

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512

Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/LBXCH5Fhzk**

1. Iċ-Ċikonja Sewda midruba tittajjar fuq il-Buskett (Ritratt ta' Raymond Galea)
2. Iċ-Ċikonja Sewda mejta, close-up 1 (Ritratt ta' BirdLife Malta)
3. Iċ-Ċikonja Sewda mejta, close-up 2 (Ritratt ta' BirdLife Malta)
4. Iċ-Ċikonja Sewda mejta, close-up 3 (Ritratt ta' BirdLife Malta)
5. It-Tajra Safra mejta (Ritratt ta' BirdLife Malta)
6. Il-Gawwija Prima mejta (Ritratt ta' BirdLife Malta)
7. Iċ-Ċikonja Bajda biċ-ċurkett f'Għawdex (Ritratt ta' Joe Sultana)
8. Iċ-ċurkett li juri li ċ-Ċikonja Bajda ġiet minn Udine (Ritratt ta' Joe Sultana)